IL-FOLJU
GHAQDA STORIKA KULTURALI MARSA
c/o 'Sidmar', 115, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. MRS 2257. VO | 0665 News Letter
email: mario.j.grech@gmail.com Tel.: 21220124 Mob.: 99497049
Harġa Numru: 74 JANNAR – APRIL 2026

Proġett ta' Riġenerazzjoni taċ-Ċentru tal-Marsa

Mill-Bord

F'Awwissu tal-2025 tħabbru d-dettalji tal-proġett tar-riġenerazzjoni taċ-ċentru tal-Marsa li jinkludi t-tisbiħ tal-pjazza, zuntier ġdid quddiem il-Knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku u ħolqien ta' spazji pubbliċi. Dan se jsir b'investiment ta' €4.5 miljun. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, Miriam Dalli, qalet li dan il-proġett għandu l-għan li jbiddel il-pjazza tal-Marsa f'żona pubblika vibranti u aċċessibbli li tirrispetta l-wirt kulturali tal-lokalità. Fl-aħħar ta' Awwissu 2025 bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett tar-riġenerazzjoni taċ-ċentru tal-Marsa. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, GHRC, Gino Cauchi, spjega li l-GHRC għamlet konsultazzjoni mal-komunità tal-Marsa, il-Patrijiet Kapuċċini u entitajiet governattivi oħra. Ix-xogħlijiet se jkopru żona totali ta' 9,500 metru kwadru u se jinkludu zuntier ġdid ta' 650 metru kwadru quddiem il-Knisja Parrokkjali tat-Trinità Qaddisa. Is-sur Gino Cauchi qal li se jitneħħew il-balavostri miz-zuntier u t-taraġ jerġa' jsir mit-tarf tar-rampa sal-monument ta' Balbi. Spjega li se jinħolqu 3 passaġġi li jirrappreżentaw l-aspett tat-Trinità, it-taraġ u l-art se jsir b'ġebla tal-franka u porfido.

Il-bankina quddiem it-taraġ se titwessa' u se tiġi pavimentata l-ewwel parti ta' Triq Balbi sal-pont. Dan il-proġett jirrifletti kif kienet din iż-żona fil-passat. Iz-zuntier pereżempju se jerġa' jieħu l-forma li kien fil-bidu tas-seklu l-ieħor li tul iż-żminijet saru diversi interventi fuq iz-zuntier imma bl-intervent li se nagħmlu din id-darba se nirriġenerawh u jiġi kważi kif kien meta nbena oriġinarjament mal-Knisja. L-istess il-kumplament ta' Triq is-Salib, l-elementi li kien hemm meta din it-triq infetħet tawna idea biex nirriġeneraw din iż-żona fiċ-ċentru tal-Marsa. Is-sistema tat-traffiku se tibqa' kif inhi llum iżda se jiżdied l-ammont ta' dawl fil-pjazza tal-Marsa waqt li mal-arbli se jiġu installati CCTV cameras. Is-sur Gino Cauchi qal li meta fl-imgħoddi kienet se tibda' tgħaddi t-tram mill-Marsa kien sar tqattigħ ta' blat biex tiġi iffurmata t-triq. Il-GHRC dehrilha li mingħajr ma tħarbat xejn, toħloq l-aspett ta' blat li kien hemm meta tqattgħet it-triq. Il-proġett jinkludi wkoll li l-faċċata tal-Knisja tat-Trinità Qaddisa tkun imdawla s-sena kollha. Il-pjan hu li ftit iktar minn sena oħra l-proġett ikun qed joqrob lejn tmiemu. F

> "Il-pjan hu li ftit aktar minn sena oħra l-proġett ikun qorob lejn tmiemu"

Ġnien Spencer fil-Marsa jinbidel fi ġnien mimli attivitajiet għall-familja kollha.

Mill-Bord

Nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru 2025, Ġnien Spencer fil-Marsa reġa' ħa l-ħajja, hekk kif l-ERA (Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi) tellgħat attività speċjali bl-isem "Bites & Fun" - esperjenza għall-familja kollha li għaqqdet it-tisjir, il-logħob u l-mużika flimkien f'jum wieħed mimli enerġija pożittiva. Mis-2:00 ta' wara nofsinhar sas-7:00 ta' filgħaxija l-pubbliku segwa u gawda sessjonijiet ta' tisjir *live*, logħob interattiv, tpinġija għat-tfal, mużika u ħafna divertiment. L-iskop wara dan il-jum kien li jżid l-għarfien dwar kif nistgħu nnaqqsu l-iskart waqt it-tisjir, billi nitgħallmu kif nużaw l-ikel b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli. L-Għaqda tagħna ġiet mistiedna biex

ittella' wirja ta' ritratti dwar il-Ġnien Spencer u l-inħawi tal-madwar. Il-kumitat jixtieq jirringrazzja lil ERA, lill-Kunsill Lokali tal-Marsa kif ukoll dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom biex inkunu nistgħu nesebixxu dawn r-ritratti. F

Il-Kumitat iltaqa' mall-Kappillan il-ġdid

Mill-Bord

Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara l-waqfa tas-Sajf il-kumitat iltaqa' mall-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tat-Trinità, Fr. Pawl Bugeja O.F.M. Cap. Il-president spjega l-għan tal-Għaqda tagħna u qal li bħalma konna nimxu id f'id mall-kappilllani preċidenti hekk ukoll ħa tkompli tagħmel l-Għaqda mall-kappillan il-ġdid. Minn naħa tiegħu l-kappillan għamillna kuraġġ biex inkomplu nieħdu ħsieb l-istorja tal-Marsa. F

Merbħa lill-Patri Pawl Bugeja O.F.M. Cap. bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisà

Mill-Bord

Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2025 l-Għaqda tagħna kienet mistiedna għall-bidu tal-ħidma pastorali ta' Patri Pawl Bugeja O.F.M. Cap. bħala Kappillan fil-Parroċċa tat-Trinità

Ritratt meħud mill-paġna tal-Arċidjoċesi ta' Malta

Qaddisa. Il-quddiesa kienet mmexxija minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. Għal din l-okkażjoni kienu mistiedna l-Għaqdiet kollha u diversi persuni distinti. Waqt il-quddiesa fil-bidu tal-ħidma pastorali ta' Patri Pawl Bugeja OFM Cap. bħala l-kappillan tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, l-Arċisqof fakkarna fir-rwol tal-kappillan li jaqdi lill-knisja bl-umiltà, il-ġenerożità u l-ubbidjenza filwaqt li jkun ambaxxatur tal-imħabba t'Alla - "Jalla fil-vuċi tiegħek, il-poplu għażiż ta' din il-parroċċa jagħraf il-vuċi ta' Ġesù, il-leħen tar-ragħaj it-tajjeb li jiggwidana għall-ħajja aħjar, ħajja ta' qdusija, safa, umiltà u mħabba. Inżommu lil Patri Pawl Bugeja u l-parruċċani fit-talb tagħna sabiex il-Mulej iżomm idejh fuqhom f'din il-mixja pastorali flimkien"

> "Fik inqiegħdu t-Tama tagħna Trinità Qaddisa"

Ritratt meħud mill-paġna tal-Arċidjoċesi ta' Malta

Patri Pawlu Bugeja twieled fl-20 ta' Ġunju 1963. Ingħaqad mal-Aħwa Minuri Kapuċċini fl-1985 u sena wara għamel il-professjoni reliġjuża. Huwa studja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Istitut Nazzjonali Studji Ekkleżjastiċi għar-Reliġjużi Maltin (INSERM) u fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Patri Pawlu ġie ordnat saċerdot fil-5 ta' Lulju 1991. Matul is-snin ġie fdat diversi ħidmiet fosthom: Gwardjan f'diversi kunventi tal-Franġiskani Kapuċċini, Definitur Provinċjali, Direttur tan-Novizzi u Viċi Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġwann. Għal disa' snin, mis-2004 sal-2013, serva wkoll bħala kappillan tal-Parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa. Għal din l-okkażjoni il-president is-sur Raymond Montebello ppreżenta tifkira memorabbli lill-kappillan il-ġdid. Il-kumitat jixtieq jawgura lill-Patri Pawl Bugeja O.F.M. Cap. ħidma fejjieda mall-poplu Marsi. F

Mill-Bord

Din is-sena 2025, l-Għaqda tagħna, għalqitha bl-iktar mod sabiħ billi organizzat Lejla Mużiko-Letterarrja għall-Milied fil-Knisja Ta' Ċejlu, bl-isem '**Il-Milied f'Ta' Ċejlu**'. Din l-attività ġiet imtella' nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru. Bla dubju kienu mistiedna l-Għaqdiet kollha taż-żewġ parroċċi kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Marsa. F'din il-Lejla nqraw għadd ta' poeżiji u siltiet oħra letterarji mill-membri tal-Għaqda tagħna. Il-kumitat jixtieq jirringrazzja lis-sur Zammit li għoġbu jtina l-permess li nużaw il-Knisja ta' Ċejlu, lill-Kunsill Lokali li pprovdilna t-transport u lill-Jackson's Pipe Band. F

TORGANIZZA LEJLA MUŻIKO-LETTERARRJA

Mill-Bord

Sa minn żmien qadim ħafna l-postijiet tal-kult kellhom xi għamla ta' *platform* minn fejn wieħed seta' jaqra l-lezzjonijiet jew ikellem lill-fidili. Il-Griegi pagani kienu jsejħu dik il-*platform* Bema u l-Lhud, meta bdew jibnu s-sinagogi, sejħulha bl-istess kelma Griega Bema jew xi drabi Bemah. Aktar tard ġew il-Musulmani li għall-istess *platform* bdew jużaw il-kelma Minbar jew Manbar. L-Insara tal-bidu kellhom post kemmxejn elevat għall-Katedra tal-Isqof li kien jippriedka mill-istess Katedra, imma kellhom ukoll ambone li kien jintuża l-aktar għall-qari tal-lezzjonijiet u tal-Vanġelu. Iżda maż-żmien l-ambone beda jservi wkoll biex minn fuqu jsiru omeliji u eżortazzjonijiet lill-fidili. Il-kelma pulptu ġejja minn kelma Latina 'Pulpitum' li tfisser *platform*. Il-pulptu tradizzjonali kien ikun mgħolli sew 'il fuq mill-art tal-madwar biex il-predikatur jinstema' u jkun viżibbli. Dan kien jiġi aċċessat permezz ta' taraġ fil-ġnub.



Fil-Knisja tat-Trinità Qaddisa tal-Marsa kien hemm pulptu wkoll, kif jixhdu dawn r-ritratti. Dan kien nħadem fl-1912 u tħallas mill-koppja Balbi. Dan kellu taraġ mal-ġenb biex il-predikaturi jkunu jistgħu jitilgħu fuqu. Dan tneħħa fl-1973 fi żmien il-kappillan patri Diegu Theuma ofm cap. biex floku sar brazz għal żmien il-festa. Ta' min jgħid li s-salib ta' dan il-pulptu jinsab fil-mużew tal-parroċċa. Ⓕ

> "Il-Pulptu kien tħallas mill-koppja Balbi"

GĦANDEK XI RITRATTI TAL-MARSA ANTIKA U TIXTIEQ TIRRAKONTA XI STORJA FUQHOM?
ċempel fuq 99497049 / e-mail mario.j.grech@gmail.com

TAĦBIL IL-MOĦĦ – LOGĦOB
ĊAJT – MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN

Minn Andrew Grech

Mimdudin:

1. **u 3.** Il-post fejn jinżammu t-tiġieġ. (8)
3. **ara 1.**
8. **u 9.** Kulmin jappoġa jew isostni lil xi ħadd. (10)
9. **ara 8.**
10. Pakkett karti tal-logħob. (4)
11. **u 19.** Li jqabbadlek il-ħakk u ħmura. (9)
12. Tela' iktar 'l fuq. (4)
15. Dan tużah biex isodd is-sink. (4)
19. **ara 11.**
20. Ħuta b'laħam bnin ħafna. (5)
21. Min għandu dan, ħa jroxxu, jgħidu! (4)
22. Żuffjett. Ċajt. (4)

GĦ u **IE** f'kaxxa waħda.

Weqfin:

1. Pjaċir. Sodisfazzjon. (4)
2. Tagħmel lilha meta tkun ħa tixtri. (5)
4. Manifk. (5)
5. Hawn ftit bħalu. Ma ssibux malajr. (4)
6. **u 14.** Dar żgħira. (4)
7. **u 16.** Bieb li jkun wara l-bieb ta' barra. (9)
13. Kanzunetta. (5)
14. **ara 6.**
15. Musmar żgħir b'ras kbira. (4)
16. **ara 7.**
17. Ġabra ta' kitba/stampi magħquda flimkien. (4)
18. Jista' jkun tal-għodda jew tal-flus. (4)





L A B I R I N T

Ara ssibx tarf ta' dan il-labirint.

ĊAJT

INFORMAZZJONI U AVVIŻI MILL-GĦAQDA

website: https://ghaqdastorikakultu.wixsite.com/mysite-1 sibuna fuq facebook

Nixtiequ nfakkru u niġbdu l-attenzjoni ta' xi wħud mill-membri li għadhom ma ħallsux il-ħlas Annwali ta' din is-sena 2026, tal-2025 u anki tas-snin l-imgħoddija. **Infakkru li jekk membru ma jħallasx għal tliet snin wara xulxin jiġi meqjus mhux membru tal-Għaqda**. Infakkru wkoll li l-ħlas huwa ta' **€5** fis-sena u hija l-uniku riżors ta' flus li ddaħħal l-Għaqda. Il-ħlas Annwali jista' jsir billi jew tibagħtuha bil-posta lis-segretarju **ANDREW GRECH, 'SIDMAR', 115, TRIQ STIEFNU ZERAFA, MARSA (99497049)**. Nirringrazzjawkom ħafna tal-kooperazzjoni tagħkom. F

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tavża li mis-sena 2023 ir-rivista 'Il-Folju' qed ikun *online*. Min jixtieq jibqa' jirċievi din ir-rivista bħas-snin ta' qabel għandu jkun regolari fil-ħlas Annwali u jinfurmana fuq 99497049. Il-kumitat jixtieq javża wkoll li r-rivista 'Il-Folju' tkun tista' tarah fuq il-paġna ta' *facebook* jew fuq:

https://issuu.com/ghaqdastorikaukulturalimarsa/docs/folju_jannar_-_april_2026. Grazzi.

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tirringrazzja lil dawk il-membri li attendew għall-quddiesa li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2025 fil-Knisja tat-Trinità Qaddisa b'suffraġġju għall-erwieħ mejtin tal-Għaqda tagħna. F

Bħalma tagħmel kull sena l-Għaqda Storika Kulturali Marsa ser torganizza s-Seduta Ġenerali għall-membri tagħha. Din ser issir fil-bidu tas-sena 2026. Fiha wieħed ikun jista' jisma' x'għamlet l-Għaqda matul is-sena li tkun għaddiet u jitressqu s-suġġerimenti li tagħmlu intom l-membri. Aktar dettalji jitħabbru iktar tard. F


Clean UP DAY
Clean Up Day organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Marsa bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet tal-Lokal u NGOs f'diversi toroq fil-Marsa
4 t' Ottubru 2025 fid-9.00am
Niltaqgħu quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill fuq il-Pont ta' San Tumas
Il-Postijiet Pubbliċi li se jitnaddfu huma:
Triq Ċentru Ewkaristiku
Triq San Bernard
Triq Sannat
Sit storiku li jinsab taħt Ġnien Spencer
INREĠĠUKOM TINGĦAQDU MAGĦNA

Bħalma tagħmel kull sena l-Għaqda Storika Kulturali Marsa ħadet sehem fil-Clean Up Day li jorganizza l-Kunsill Lokali tal-Marsa. Din saret nhar is-Sibt 4 ta' Ottubru 2025 fejn ġew imnaddfa diversi postijiet pubbliċi, fosthom Triq San Bernard u Triq iċ-Ċentru Ewkaristiku. Il-kumitat jirringrazzja lil dawk il-membri li attendew għal din l-attivita'. F